

RAPPORT ANNWALI 2011

Sommarju (MT)



eiopa

EUROPEAN INSURANCE
AND OCCUPATIONAL PENSIONS AUTHORITY

Sommarju



Sommarju

Is-sena 2011 rat il-bidu tal-ħidma tal-AEAPX bħala Awtorità Superviżorja Ewropea. Fl-2011 il-prijoritajiet ewlenin tal-AEAPX kienu f'dawn l-oqsma:

1. Solvenza II
2. Il-pensjonijiet tax-xogħol
3. Il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-innovazzjoni finanzjarja
4. Il-Kulleġġi tas-Superviżuri u l-ġestjoni u r-riżoluzzjoni ta' kriżijiet transkonfinali
5. Stabbiltà finanzjarja

Sommarju

1. Solvenza II

Fl-2011 l-AEAPX iffokat fuq it-tnejn tas-sett finali ta' miżuri regolatorji għal Solvenza II, l-abbozz ta' standards u linji gwida.

Waħda mill-kisbiet ewlenin tal-AEAPX fl-2011 kien ir-rapport tal-Ħames Studju dwar l-Impatt Kwantitattiv (QIS5 - Fifth Quantitative Impact Study) li jissintetizza l-impatt potenzjali tal-miżuri ta' implimentazzjoni dettaljati li jridu jiġu abbozzati għall-qafas regolatorju ta' Solvenza II. Il-QIS 5 kien l-iktar studju dwar l-impatt ambizzjuż u komprensiv li qatt sar fis-settur finanzjarju, bl-involvement dirett ta' iktar minn 2500 entità u 100 superviżur mill-istati membri u l-AEAPX, li ħadmu flimkien tul kważi sena sħiħa.

Fl-2011 l-AEAPX nediet konsultazzjonijiet pubbliċi uffiċjali f'żewġ oqsma li fihom hu partikolarment importanti li jsiru diskussjonijiet bikrija mal-industrija u tnejn minn din tal-aħħar. Dawn il-konsultazzjonijiet kienu fuq l-abbozz ta' standards u linji gwida dwar ir-rapportar u d-divulgazzjoni, u fuq il-linji gwidi dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Proprju u tas-Solvenza (ORSA - Own Risk and Solvency Assessment).

Fit-tmiem l-2011 l-AEAPX tat assistenza addizzjonali lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-kalibrazzjoni tal-modulu ta' riskju ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Fil-qasam tar-riskju katastrofiku, l-AEAPX għamlet l-aħħar rakkomandazzjoni tagħha dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni fuq għadd ta' kwistjonijiet pendenti ta' riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja u tas-saħħa.

Fl-2011 bosta gruppi ta' ħidma kkonkludew il-ħidma tagħhom, u dan iproduċa l-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti: 'Calibration of the Premium and Reserve Risk Factors in the Standard Formula of Solvency II' ('Kalibrazzjoni tal-Fatturi ta' Riskju tal-Primjum u ta' Riżerva fil-Formula Standard ta' Solvenza II') u r-Report of the Task Force on Expected Profits arising from Future Premiums' ('Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Profitti Mistennija li jirriżultaw minn Primjums fil-Ġejjieni').

Finalment, sa mill-ħolqien tal-Grupp ta' Partijiet Interessati tal-AEAPX dwar l-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni l-AEAPX ibbenefikat mill-kompetenza tagħhom u minn firxa wiesgħa ta' fehmiet u interessi, u involviet b'mod attiv lill-membri tagħha f'aspetti importanti ta' Solvenza II.





2. Il-Pensjonijiet tax-xogħol

Fl-2011 il-fokus ewlieni tal-ħidma tal-AEAPX fuq il-pensjonijiet tax-xogħol kien fuq l-iżvilupp ta' tweġiba tal-AEAPX għas-Sejħa għal Assistenza mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (id-Direttiva IORP).

Il-ħidma fuq is-Sejħa għal Assistenza għet organizzata f'erba' sottogrupperi, li kollha ħadmu b'mod parallel u rraportaw għand il-Kumitat tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (OPC - Occupational Pensions Committee).

Fl-2011 l-AEAPX temmet ukoll għadd ta' rapporti bbażati fuq eżerċizzji ta' stħarriġ dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar, ir-riskji relatati mal-iskemi KD u t-tagħrif ta' qabel ir-reġistrazzjoni. Dawn l-eżerċizzji ta' stħarriġ saru biex tingħata bażi teknika komuni għat-tweġiba għas-Sejħa għal Assistenza. Matul l-2011 l-AEAPX wettqet żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-abbozz ta' assistenza tagħha. L-ewwel waħda saret bejn it-8 ta' Lulju 2011 u l-15 ta' Awwissu 2011 dwar aspetti partikolari tas-Sejħa għal Assistenza. It-tieni waħda saret bejn il-25 ta' Ottubru 2011 u t-2 ta' Jannar 2012 dwar l-abbozz sħiħ tal-assistenza.

Matul l-2011 l-AEAPX ippreżentat ukoll il-kontribut tagħha lill-BERS dwar ir-rekwiżiti ta' dejta għall-IORP u ppubblikat ir-rapport rikorrenti tagħha dwar l-iżviluppi tas-suq.

3. Il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-innovazzjoni finanzjarja

L-AEAPX minn dejjem qieset il-protezzjoni tal-konsumaturi bħala s-sisien tal-ħidma tagħha u bħala qasam li fih trid issir id-differenza, u l-AEAPX baqgħet proattiva fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi u l-innovazzjoni finanzjarja.

Matul l-2011 l-Awtorità ħejjiet 'The Proposal for Guidelines on Complaints-Handling by Insurance Undertakings' ('Il-Proposta għal Linji Gwida dwar il-Ġestjoni tal-Ilmenti mill-Impriżi tal-Assigurazzjoni'), ir-'Report on Best Practices by Insurance Undertakings in handling complaints' ('Ir-Rapport dwar l-Aħjar Prattiki mill-Impriżi tal-Assigurazzjoni fil-ġestjoni tal-ilmenti') u ffinalizzat 'Report on Financial Literacy and Education Initiatives by Competent Authorities' ('Rapport dwar l-Inizjattivi dwar l-Għarfien u l-Edukazzjoni Finanzjarji mill-Awtoritajiet Kompetenti'). L-AEAPX ġabret ukoll dejta dwar ix-xejriet tal-konsumaturi minn fost il-membri tagħha biex tħejji ħarsa ġenerali inizjali, fejn tanalizza u tirraporta fuq dawk ix-xejriet.

L-Awtorità tat ukoll kontribut relevanti fir-reviżjoni mill-Kummissjoni Ewropea tad-Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni (IMD - Insurance Mediation Directive) billi wettqet stħarriġ estensiv fuq is-sanzjonijiet (kemm kriminali kif ukoll amministrattivi) stipulati fil-lijiet nazzjonali rigward il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-IMD.

L-impenn estern, inklużi l-ibbenefikar mill-kontribuzzjoni esperta taż-żewġ Gruppi ta' Partijiet Interessati tal-AEAPX u l-organizzazzjoni tal-ewwel 'Jum l-Istrateġija għall-Konsumaturi' tal-AEAPX, kien kruċjali wkoll sabiex l-AEAPX tilħaq l-għanijiet tagħha fl-2011.

¹ Din u pubblikazzjonijiet oħrajn jistgħu jinqraw minn fuq is-sit elettroniku tal-EIOPA taħt 'Publications' ('Pubblikazzjonijiet').



4. Il-Kulleġġi tas-Superviżuri u l-Ġestjoni u r-risoluzzjoni ta' kriżijiet transkonfinali

Il-kompiti tal-AEAPX imorru lil hinn minn ħidma purament regolatorja, u jinkludu responsabilitajiet ta' sorveljanza konkreti, inkluż rwol estiż bħala membru tal-kulleġġi differenti tas-superviżuri.

Il-mira strateġika globali tal-ħidma tal-Kulleġġ tal-AEAPX hija li tikkonsolida l-pożizzjoni tal-komunità superviżorja taż-żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fir-rigward tal-gruppi tal-assigurazzjoni li joperaw b'mod transkonfinali kemm għall-benefiċċju tas-superviżjoni fi grupp u kemm tas-superviżjoni b'mod individwali. Fl-2011 madwar 89 grupp tal-assigurazzjoni b'impriżi transkonfinali kienu rreġistrati fiż-ŻEE. Matul is-sena ġew organizzati Kulleġġi tas-Superviżuri b'tal-inqas laqgħa jew telekonferenza attwali waħda għal 69 grupp. Total ta' 14-il awtorità ta' sorveljanza nazzjonali aġixxew bħala superviżuri fi grupp biex jorganizzaw l-avvenimenti. Matul il-fażi ta' implimentazzjoni fl-ewwel sena wara t-twaqqif tagħha, l-AEAPX attendiet il-laqgħat u/jew it-telekonferenzi tal-Kulleġġi ta' 55 grupp.

Kmieni fl-2011 u b'mod konġunt mal-ASE l-oħrajn, l-AEAPX żviluppat sett ta' proċeduri interim biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' emerġenza. F'Marzu 2011 inġatar espert nazzjonali ssekondat fil-ġestjoni tal-kriżijiet, u mbagħad bdiet il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' qafas permanenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet mill-AEAPX. Għal dan il-għan l-iżvilupp ta' politika strateġika dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet kien importanti ħafna. Fi tmiem l-2011 Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġestjoni tal-Kriżijiet fassal qafas komprensiv ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

5. Stabbiltà finanzjarja

It-tema komuni tal-inizjattivi dwar l-istabbiltà finanzjarja tal-AEAPX fl-2011 kienet li jiġu identifikati, fi stadju bikri, ix-xejriet, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabilitajiet li jirriżultaw minn żviluppi mikro u makroekonomiċi, u, fejn meħtieġ, li jiġu mgħarrfa l-istituzzjonijiet tal-UE. Dan inkiseb permezz ta' monitoraġġ speċifiku u regolari tas-swieq, qsim tal-informazzjoni u diskussjonijiet dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni fil-Kumitat għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSC - Financial Stability Committee). B'mod konformi ma' dan il-għan, f'Ottubru 2011 l-FSC tal-AEAPX waqqaf l-ewwel dashboard (pilota) tar-riskji tiegħu b'sett komuni ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jgħinu l-identifikazzjoni u l-kejl tar-riskju sistemiku. Dan id-dashboards irid jiġi żviluppat ulterjorment bħala sforz konġunt bejn l-ASE u l-BERS.

Matul l-2011 l-AEAPX kien membru attiv fil-Kumitat ta' Tmexxija tal-BERS li twaqqaf biex jassisti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-BERS. L-AEAPX kienet qed tiegħu sehem ukoll fil-Kumitat Tekniku Konsultattiv (ATC - Advisory Technical Committee) tal-BERS u fis-sottokumitati tekniċi tiegħu b'enfasi ewlenija fuq l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet potenzjali sistematikament importanti fis-setturi tal-assigurazzjoni u l-IORPs. Barra dan l-AEAPX ħadet sehem fil-grupp ta' esperti konġunt tal-ATC u l-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv (ASC - Advisor Scientific Committee) li huwa responsabbli mit-trattament regolatorju ta' espożizzjonijiet sovrani.

Fl-2011 it-tliet ASE u l-BERS iffirmaw b'mod konġunt "Ftehim dwar it-twaqqif tas-Segretarjat tal-BERS ta' proċeduri speċifiċi tal-kunfidenzjalità sabiex jissalvagwardjaw informazzjoni dwar istituzzjonijiet finanzjarji individwali u informazzjoni li biha jistgħu jiġu identifikati istituzzjonijiet finanzjarji individwali".

L-AEAPX bdiet tfassal ukoll bażi tad-dejta b'dejta attwali u storika għall-IORPs u l-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

Matul l-2011 l-AEAPX għamlet testijiet tal-istress armonizzati, pan-Ewropej, tal-qalba u bi qligħ baxx għas-settur tal-assigurazzjoni b'kooperazzjoni mal-BERS, il-BĊE u l-ABE.

F'Ġunju u Diċembru 2011 l-AEAPX ippubblikat iż-żewġ 'Rapporti dwar l-Istabbiltà Finanzjarja' semiannwali tagħha b'valutazzjoni tas-solidità ekonomika tal-assigurazzjoni, ir-riassigurazzjoni u l-IORPs tal-Ewropa. F'Diċembru 2011 l-AEAPX ħarġet sett ta' mudelli ta' rapportar ta' dejta għal konsultazzjoni pubblika li kienu meħtieġa biex jiġi vvalutat b'mod regolari r-riskju settorjali u biex jiġu ssorvejlati l-iżviluppi finanzjarji ladarba jidħol fis-seħħ Solvenza II.

Komunikazzjoni esterna

Wieħed mill-kompiti l-ġodda tal-AEAPX huwa li trawwem djalogu u kooperazzjoni mas-superviżuri barra l-Unjoni Ewropea. Matul l-2011 l-AEAPX irnexxilha ssaħħaħ ir-relazzjonijiet eżistenti, tiftaħ djalogu u kuntatti regolatorji u superviżorji ġodda tal-AEAPX, tiegħu sehem b'mod attiv fil-ħidma ta' tfassil ta' standards fil-livell internazzjonali, u twitti t-triq sabiex fl-2012 tilqa' osservatur ġdid tal-AEAPX - l-Aġenzija Superviżorja tas-Servizzi Finanzjarji tal-Kroazja (CFSSA - Croatian Financial Services Supervisory Agency). Barra dan l-ewwel abbozz ta' rapporti dwar il-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza tat-tliet ġurisdizzjonijiet (l-Isvizzera, il-Bermuda u l-Ġappun) ntbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ħin.

L-AEAPX kompliet ukoll bl-attivitajiet relatati mal-konverġenza u l-kultura superviżorja billi offriet programm ta' taħriġ ferm stabbilit. Fl-2011 saru 21 seminar transettorjali u settorjali mill-AEAPX u awtoritajiet ta' sorveljanza oħrajn. Barra dan l-AEAPX organizzat 3 avvenimenti pubbliċi, b'għall-Konferenza Annwali tal-AEAPX, il-Konferenza internazzjonali dwar is-Superviżjoni Transatlantika tal-Assigurazzjoni fi Grupp u Jum l-Istrateġija għall-Konsumaturi tal-AEAPX, li kienu miftuħin ukoll għall-parteċipanti tal-industrija u l-assoċjazzjonijiet tal-partijiet interessati. Fl-2011 iktar minn 1,240 rappreżentant mill-awtoritajiet superviżorji u l-industrija attendew attivitajiet ta' taħriġ u avvenimenti pubbliċi tal-AEAPX.

Fl-attivitajiet pubbliċi ta' komunikazzjoni tagħha, l-AEAPX saħqet fuq l-ispjegazzjoni ta' kwistjonijiet tekniċi u legali differenti relatati mal-oqsma ta' attività ewlenin tagħha: l-assigurazzjoni, Solvenza II, l-IORPs, il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-istabbiltà finanzjarja,

l-innovazzjoni finanzjarja, u ċ-ċarar tar-rwol tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE). Fi tmiem l-2011 l-AEAPX waqqfet indirizz speċjali ta' assistenza bil-posta elettronika għall-mistoqsijiet mill-pubbliku.

Fl-2011 ir-rappreżentanti mill-maniġment tal-AEAPX attendew 42 konferenza, sessjoni ta' laqgħat u avvenimenti pubbliċi oħrajn u taw 28 diskors u preżentazzjoni. Barra dan, kellhom 34 laqgħa ma' rappreżentanti mill-industrija u awtoritajiet regolatorji internazzjonali. Il-midja Ewropea wriet interess ikbar fis-SESF u b'mod partikolari fl-attivitajiet tal-AEAPX. Il-maniġment tal-AEAPX ta 35 intervista lil numru ta' rappreżentanti mill-midja, filwaqt li l-Uffiċċju tal-Istampa tal-AEAPX wieġeb 248 mistoqsija mill-midja. Fost l-attivitajiet ta' relazzjoni mal-midja tagħha, l-AEAPX organizzat erba' konferenzi għall-istampa u stqarrijiet ta' taħriġ f'sinteżi, u ħarġet 32 stqarrija għall-istampa u fuq l-internet.

Matul l-2011 l-AEAPX ħejjiet 20 rapport u sottomissjoni dwar kwistjonijiet tematiċi li fil-mira tagħhom kellhom udjenza professjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-2011 is-sit elettroniku tal-AEAPX kellu 150,514-il viżitatur individwali, infetħu 5,048,246 paġna u ntbagħtu 40 notifika bil-posta elettronika lill-abbonati.

Żviluppi organizzazzjonali

F'termini ta' kwistjonijiet organizzazzjonali matul l-2011 ir-reklutaġġ kien wieħed mill-oqsma ta' ħidma ewlenin għall-AEAPX. Fl-1 ta' Jannar 2011, l-AEAPX kellha 27 membru tal-persunal; spiċċat is-sena b'56 membru tal-persunal, inklużi xi esperti nazzjonali sekondati. It-tim tal-maniġment żdied b'żewġ kapijiet tal-unità wkoll.

L-implimentazzjoni tar-regoli differenti marbutin mal-qafas il-ġdid li l-AEAPX trid taħdem fih b'għala Awtorità Ewropea kienet kisba importanti oħra li twettqet b'mod parallel mal-ħidma teknika msemmija iktar 'il fuq u mingħajr interferenza żejda.



Għanijiet strateġiċi għas-snin li ġejjin

Fl-2011 l-AEAPX iddefinixxiet l-għażliet strateġiċi li ġejjin f'kull waħda mill-oqsma ta' attivitajiet differenti.

Dwar ir-regolamentazzjoni, l-Awtorità għandha:

- tagħti sehemha fil-proċess ta' tfassil tal-istandards tal-UE fil-qasam tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni u tal-IORPs;
- tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni vinkolanti bbażati fuq l-atti leġislativi msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-AEAPX;
- toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet bil-għan li tiżgura applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-UE u tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effikaċi;
- tagħti assistenza għall-iżvilupp ta' qafas tal-UE bbażat fuq ir-riskji fil-qasam tal-IORPs;
- tagħti assistenza għall-iżvilupp ta' qafas tal-UE għall-prevenzjoni, il-ġestjoni u r-risoluzzjoni tal-kriżijiet li jkunu xierqa għat-tip ta' mudell ta' negozju tal-assigurazzjoni;
- tagħti assistenza dwar il-qafas tal-UE applikabbli għall-konglomerati finanzjarji permezz tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej;
- tipprovdi opinjonijiet lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-oqsma tal-kompetenza tagħha, kemm fuq talba kif ukoll fuq inizzjattiva personali tagħha;
- tagħti kontribut fir-regolamentazzjoni aħjar fl-UE billi tuża metodoloġiji xierqa ta' valutazzjoni tal-impatt għall-iżvilupp tal-ħidma regolatorja tagħha.

Dwar is-sorveljanza, l-Awtorità għandha:

- tiffaċilita u trawwem l-iskambju ta' informazzjoni u dejta rilevanti fi ħdan il-Kulleġġi tas-Superviżuri;
- tissorvelja u ttejjeb il-funzjonament tal-Kulleġġi tas-Superviżuri;
- tiddefinixxi pjan ta' azzjoni ġenerali annwali għall-Kulleġġi tas-Superviżuri u tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu;
- tistabbilixxi qafas komuni għall-implimentazzjoni tal-proċess ta' reviżjoni superviżorja skont Solvenza II biex trawwem konverġenza superviżorja;
- tiżviluppa qafas operazzjonali li jkopri mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-AEAPX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali biex tagħti kontribut fil-ġestjoni koerenti u kkoordinata tal-kriżijiet fl-Unjoni Ewropea;
- tanalizza l-applikazzjoni mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġin mill-AEAPX;
- torganizza u twettaq reviżjonijiet bejn il-pari tal-attivitajiet tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali kemm fil-qasam tal-assigurazzjoni kif ukoll tal-IORPs, biex tkompli tikkonsolida l-konsistenza fl-eżiti superviżorji.

Dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-Awtorità għandha:

- trawwem il-protezzjoni tad-detenturi ta' polza, il-membri u l-benefiċjarji tal-iskema ta' pensjonijiet billi tippromwovi t-trasparenza, is-semplikità u l-ġustizzja permezz tal-iżvilupp ta' tagħrif iktar standardizzat u paragonabbli dwar ir-riskji u l-ispejjeż tal-prodotti, ir-rekwiżiti regolatorji rilevanti u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-ilmenti;
- ittejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi billi tiżviluppa metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett ta' karatteristiċi tal-prodott u proċessi ta' distribuzzjoni, mhux biss fuq il-protezzjoni tal-konsumaturi iżda anki fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji;
- toħroġ twissijiet dwar ċerti attivitajiet finanzjarji jew tipprojbixxihom jew tirrestringihom b'mod temporanju, skont kif ikun xieraq;
- tiġbor, tanalizza u tirrapporta dwar ix-xejriet tal-konsumaturi billi tiddefinixxi u tissorvelja r-riskji speċifiċi għall-konsumaturi biex tiżgura li l-istituzzjonijiet finanzjarji jqisu b'mod xieraq ir-riskji relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi;
- tagħti kontribut fil-ħidma settorjali ulterjuri fuq il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-assigurazzjoni u, f'kuntest tranżettorjali permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, fuq prodotti ta' investiment għall-konsumatur, filwaqt li tiżgura li l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-assigurazzjoni jitqiesu kif suppost;
- tiżviluppa standards minimi għat-taħriġ u għall-kompetenza ta' persunal rilevanti tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu f'kuntatt ma' konsumaturi u tiżgura li jiġu evitati jew mitigati l-kunflitti ta' interess;
- tagħti kontribut fl-għarfien u fl-edukazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi billi ttipprovdi tagħrif dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tas-superviżuri nazzjonali u tiggwida lill-konsumaturi lejn materjal ta' edukazzjoni finanzjarja li jkunilhom utli;
- tfittex tiżgura li l-konsumaturi jingħataw biżżejjed saħħa billi tappoġġja t-twaqqif ta' proċeduri ta' rimedju effettivi għall-konsumaturi, kemm f'istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll f'termini ta' aċċess għal mekkaniżmi alternattivi kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim;
- tgħin fil-valutazzjoni tal-bżonn ta' netwerk Ewropew ta' skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni nazzjonali li jkun iffinanzjat b'mod adegwat u armonizzat biżżejjed.

Dwar l-istabbiltà finanzjarja, l-Awtorità għandha:

- tidentifika xejriet, riskji potenzjali u vulnerabilitajiet fuq il-bażi tat-tagħrif miġbur mis-superviżjoni mikroprudenzjali tas-swieq tal-assigurazzjoni u tal-IORPs;
- tiżviluppa oqfsa ta' ttestjar tal-istress u tagħmel dawn l-eżerċizzji f'intervalli regolari bil-għan li tidentifika vulnerabilitajiet, tittestja l-istabbiltà tas-suq u tanalizza u timmitiga kwalunkwe avvenimenti ta' riskju sistemiku;
- tagħti kontribut fl-identifikazzjoni transettorjali tar-riskji u l-vulnerabilitajiet fis-sistema finanzjarja permezz tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej;
- tiżviluppa, f'konsultazzjoni mal-BERS, kriterji xierqa biex tidentifika u tissorvelja r-riskju sistemiku;
- tissorvelja, tivvaluta u tirraporta dwar l-iżviluppi li jirrigwardaw l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji fil-qasam ta' kompetenza tagħha, billi tuża kemm tagħrif għall-pubbliku kif ukoll dak li għabret mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali;
- tiegħu sehem fil-ħidma tal-BERS biex tiżgura li l-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi tal-assigurazzjoni u l-IORPs jitqiesu kif support;
- tikkoopera mill-qrib mal-BERS billi tipprova t-tagħrif meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u billi tiżgura li jsir segwitu xieraq għat-twissijiet u għar-rakkomandazzjonijiet.

Fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, l-Awtorità għandha:

- tiżviluppa kuntatti u tidħol f'arranġamenti amministrattivi mal-awtoritajiet superviżorji, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi, fi ħdan il-qafas legali tar-Regalament tal-AEAPX;
- tivvaluta l-iskemi superviżorji tal-pajjiżi terzi biex tħejji d-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza li jridu jittieħdu mill-Kummissjoni Ewropea;
- tagħti kontribut fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali solidi fis-setturi tal-assigurazzjoni u tal-IORPs;
- issaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi terzi, speċjalment ma' dawk soġġetti għal valutazzjonijiet tal-ekwivalenza.